MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 16/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Taddeo Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fis-26 ta' Awwissu 2009 kontra Taddeo Borg talli nhar is-16.08.2009 ghall-habta ta' 14.30 hrs gewwa d-dahla tax-Xwejni, Zebbug, Ghawdex:

1. saq, halla jew ippermetta li tinsaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li fic-cirkostanzi partikolari kien ta' periklu ghall-hajja jew setghet tikkaguna korriment jew twassal ghal xi kollizzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Jannar 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

“Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-Regolament 445 tat-Tielet Skeda LS 352.15, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ sitt mitt ewro (€600).”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Taddeo Borg minnu prezentat fis-27 ta’ Jannar 2010 li permezz tieghu talab li tigi mhassra s-sentenza fuq imsemmija u wara li jinstemghu l-provi kollha u s-sottomissjonijiet tad-difiza din il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-akkuza kif dedotta u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi id-depozizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

Il-fatti fil-qosor ta’ dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi mismugha huma kif gej. David Alexander Curphey li kien jahdem bhala *diving instructor* fis-16 ta’ Awwissu 2009 kien joghodos flimkien ma student tieghu fil-Bajja tax-Xwejni f’Ghawdex. Il-pozizzjoni tieghu u tal-istudent fil-bajja kienet qed tigi senjalata permezz ta’ baga fil-wicc tal-bahar li izda kienet ankrata ma’ qiegh il-bahar. F’hin minnhom student li kien mieghu ried jitla’ fil-wicc u ghalhekk David Alexander Curphey kellu jitla’ flimkien mieghu f’wicc il-bahar. Huwa u tiela lejn wicc il-bahar huwa kien qieghed jikkoncentra fuq l-istudent li kien mieghu u ghalhekk ma kienx ihares lejn wicc il-bahar u kien biss fl-ahhar metru minn wicc il-bahar li hares ‘il fuq u ra li kien hemm bicca tal-bahar direttament fuq il-baga b’tali manjera li kellu jimbotta lura lill-istudent ghaddas sabiex jevitah milli jolqot rasu mal-bicca tal-bahar. Huwa u tiela ra li l-iskrun tal-bicca tal-bahar kien wieqaf u li l-bicca tal-bahar ma kienetx miexja izda kienet wieqfa wkoll. Malli tfacca fil-wicc tal-bahar l-imsemmi David Alexander Curphey ra lill-imputat fuq id-dghajsa jew lanca li kien ma xi klienti tieghu. Curphey saqsa lill-imputat x’kien qieghed jaghmel u r-reazzjoni tal-imputat kienet li huwa kien ankrat fil-bajja u li ghalhekk il-problema kienet tax-xhud Curphey.

Minn naha tieghu l-imputat xehed li huwa u diehel fil-bajja huwa mexa “dead slow” u hares biex jara fejn kienu qeghdin l-ghaddasa u ra l-baga u zamm distanza ta xi hames jew sitt metri boghod minnha. Eventwalment xehet l-ankra u assikura ruhu li kienet ankrata sew b’mod li d-dghajsa ma tiddriftjax. Il-magni kienu mitfijin u kien qieghed jipprepara l-ikel fil-gabina x’hin gie wiehed mit-turisti li kellu mieghu u qallu li kien hemm xi hadd ried ikellmu. Huwa hareg mill-gabina tieghu u sab lix-xhud Curphey u ra li l-baga kienet vicin id-dghajsa. L-imputat spjega li x’hin l-ghaddasa kienu hergin mil-bahar il-baga kienet miexja mal-ghaddas.

Il-provi l-ohra prodotti kienu jikkonsistu f’affidavit ta’ PS 581 Loreto Buttigieg li fih jirrakkonta x’qalulu Curphey u l-imputat meta ndaga dwar l-incident. Giet esibita wkoll kopja tal-okkorrenza tar-rapport li kienet irceviet il-pulizija.

L-aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi. Huwa jsostni li kien l-ghaddas bla ma nduna resaq lejn il-bastiment ankrat waqt li kien jghum lejn l-art mentri l-imputat f’ebda mument ma ghadda jew mess mal-baga tal-imputat u anzi ghadda f’distanza boghod bizzejjed mill-baga b’mod li ma kien hemm ebda perikolu ghall-ghaddasa li kien hemm taht il-baga. L-appellant irrileva li id-dahla tax-Xwejni fejn dahal hu u ankra l-bastiment tieghu ma hix klassifikata bhala zona rizervata ghall-ghawwiema u l-ghaddasa u l-imputat ma kellu ebda xkiel li jzommu milli jidhol qrib l-art. Huwa jsostni li ma kien hemm ebda imprudenza fl-agir tieghu u li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-akkuza addebitata lill-imputat.

Dwar ix-xorta ta’ aggravju dedott mill-appellant il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi. Fil-kaz odjern din il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ hi stess kemm lill-imputat kif ukoll lill-uniku xhud okulari tal-fatt u

allura qieghdha f'pozizzjoni ftit ahjar mis-soltu sabiex taghmel apprezzament hi stess tax-xhieda prodotti.

Ta' min ifakkar f'hix tikkonsisti l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u cioe' li huwa saq, halla jew ippermetta li tinsaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li fic-cirkostanzi partikolari kien ta' periklu ghall-hajja jew setghet tikkaguna korriment jew twassal ghal xi kollizzjoni. L-unici xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma jghidu xejn dwar kif kienet qed tinsaq id-dghajsa tal-imputat ghaliex ix-xhud Curphey meta ntebah l-ewwel darba bid-dghajsa jghid li kienet bl-iskrun wieqaf u d-dghajsa kienet wieqfa u ma kienetx in moviment. L-unika prova prodotta ta' kif insaqet id-dghajsa meta kienet fil-bajja huwa l-imputat stess u mix-xhieda tieghu certament ma jirrizultawx l-elementi tar-reat dedott; anzi, jekk wiehed joqghod fuq ix-xhieda tieghu id-dghajsa insaqet bi prudenza u b'ebda velocita' li fic-cirkostanzi setghet b'xi mod tkun ta' periklu ghal xi hadd jew tohloq periklu ta' kollizzjoni. Il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti qajmet dubbju dwar l-affidabilita' tax-xhieda tal-imputat. Il-Qorti wkoll tistqarr li ma hix ghal kollox konvinta' dwar il-veridicita' ta' dak kollu li xehed l-imputat izda anki jekk tigi skartata x-xhieda tieghu bhala inaffidabbli l-Qorti ma tistax' timla' l-vojt fil-provi li imbghad jirrizulta b'kongetturi u spekulazzjoni da parti taghha.

Huwa minnu li fl-affidavit ta' PS 581 Loreto Buttigieg, kif ukoll fl-okkorrenza esibita, jinghad li David Curphey kien semma li waqt li hu u zewg studenti kienu jghoddsu fid-dahla tax-Xwejni dahlet dghajsa u ghaddiet qrib hafna taghhom bil-magni mixghula izda dan il-fatt imkien ma gie konfermat mix-xhud Curphey fix-xhieda tieghu. Ma jistax jigi eskluz la li d-dghajsa hawn imsemmija ma kienetx dik tal-imputat u anqas li l-istess Curphey ma kienx f'pozizzjoni li jidentifika lid-dghajsa in kwistjoni jew lil sidha. Kien x'kien il-fatt jibqa' li dan l-incident imsemmi minn PS 581 Loreto Buttigieg u fl-okkorrenza ma giex pruvat skond il-ligi li avvera ruhu.

Tenut kont li l-istat tal-provi hu dak li hu u li ma setghu qatt iwasslu ghall-prova minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-

imputazzjoni dedotta kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehema li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex iwassluha sabiex tilqa' l-aggravju tal-appellant u tirrevoka s-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' l-imputat Taddeo Borg billi tirrevoka s-sentenza appellata, issibu mhux hati tal-imputazzjoni kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------